**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 318/11VG**

**Roderick Debono**

**Vs**

**Doris Ghio**

**Illum 28 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Roderick Debono fit-23 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema jitlob li Doris Ghio tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tmint elef mija erbgha u tmenin Euro (€8,184) rapprezentanti bilanc ghall-prezz ta' xoghol minnu esegwit fuq struzzjonijiet taghha fil-fond Block G, Flat 1, Unit 1, Government Buildings, Paola, bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Gunju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) it-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta, mara anzjana ta' sebghin (70) sena, pensjonanta, tghix wahdedha, socja tal-MUZEUM u b'nuqqas ta' smigh, giet u qed tigi ingannata b'agir qarrieqi ta' l-attur li b'mod abbusiv qed jipprova jakkwista vantagg ingust minn fuqha;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tal-konvenuta markati Dok. "DG1" sa' Dok. "DG27" a fol. 9 sa' 35 tal-process;

Rat l-affidavit ta' l-attur, bid-dokumenti annessi mieghu, u l-affidavits ta' Alfred Debono, Maryanne Carabott, Maria Concetta Debono u Lorraine Carabott ilkoll esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fid-9 ta' Jannar 2012 a fol. 39 sa' 62 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Maryanne Carabott [1] u Lorraine Carabott [2]

[1] Fol. 64 sa' 66 tal-process.
[2] Fol. 67 u 68 tal-process.

moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012, ix-xhieda ta' Maria Concetta Debono moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012[3], ix-xhieda ta' Alfred Debono moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[4], semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Gunju 2012[5] u tal-11 ta' Ottubru 2012[6], rat l-affidavit tal-konvenuta esebit permezz ta' Nota pprezentata fid-29 ta' Novembru 2012 a fol. 133 sa' 138 tal-process u semghet ix-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2013[7] ;

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba a fol. 153 sa' 194 tal-process u rat il-mistoqsijiet in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku minn entrambe l-partijiet kontendenti[8] w ir-risposti tal-Perit Tekniku ghal tali mistoqsijiet[9];

Semghet ix-xhieda tal-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013[10];

Rat l-atti tar-Rikors fl-ismijiet "Roderick Debono v. Maria Dolors Ghio" Rik. Nru. 387/11 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet bin-Numru 3134/11, allegat ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 228 sa' 237 tal-process u n-Nota Responsiva tal-konvenuta a fol. 238 sa' 245 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €8,184 rapprezentanti bilanc ghall-prezz ta' xoghol minnu esegwit fuq struzzjonijiet taghha fil-fond Block G, Flat 1, Unit 1, Government Buildings, Paola. Il-konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li: (i) it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv; u li (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta, mara anzjana ta' sebghin (70) sena, pensjonanta, tghix wahdedha, socja tal-MUZEUM u b'nuqqas ta' smigh, giet u qed tigi ingannata b'agir qarrieqi ta' l-attur li b'mod abbusiv qed jipprova jakkwista vantagg ingust minn fuqha.

Mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti jirrizulta b'mod car li ma hemmx kontestazzjoni li l-attur esegwixxa xoghlijiet fil-fond tal-konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta, inkarigu dan ikkonfermat

---

[3] Fol. 76 sa' 78 tal-process.
[4] Fol. 80 sa' 86 tal-process.
[5] Fol. 88 sa' 113 tal-process.
[6] Fol. 125 sa' 131 tal-process.
[7] Fol. 143 sa' 151 tal-process.
[8] Fol. 197 sa' 199 tal-process u fol. 200 sa' 202 tal-process.
[9] Fol. 203 sa' 206 tal-process u fol. 213 sa' 217 tal-process.
[10] Fol. 221 sa' 226 tal-process.

mill-konvenuta li fl-affidavit taghha[11] ddikjarat illi: *ghall-bidu ta' Gunju tas-sena 2010 il-kugina tieghi Maryanne Carabott li toqghod fl-istess binja fejn noqghod jiena, kienet laqqatni ma' Roderick Debono li kien beda jkellem lit-tifla tas-Sinjura Carabott. Is-Sinjura Carabott iktar minn darba kienet qaltli li Roderick Debono ma kellux xoghol, xi haga li kien qalli wkoll Roderick Debono stess. Jien rajt li din kienet ghalija opportunità biex nirranga l-kamra tal-banju tieghi u fl-istess hin nghin lil Roderick Debono kif nista'. Kont spjegajt lil Roderick Debono dak li kelli bzonn naghmel fil-kamra tal-banju u cioè jpoggili shower tray kif ukoll jibdilli l-madum ta' l-art ghax li kelli kien jizloq hafna. Roderick Debono kien ipprovdieli stima u jien kont accettajt li jaghmilli dan ix-xoghol. ... Fl-ewwel gimgha ta' Lulju kont tajtu depozitu ta' mitt Ewro fuq dawn ix-xoghlijiet kif ukoll fuq il-madum li kien se jixtrili huwa. ... Roderick Debono finalment beda x-xoghlijiet fuq il-kamra tal-banju fil-bidu ta' Novembru ta' l-2010 u lesta fil-5 ta' Dicembru 2010. ... Dakinhar, jigifieri fil-5 ta' Dicembru kont tkellimt ma' Debono biex forsi jaghmilli xi affarijiet zghar ohra li izda ma kontx spjegajtlu ezattament x'kienu. Li kelli f'mohhi kienu (1) l-iskirting ta' wara l-bank tal-kcina (forsi bejn wiehed u iehor zewg metri) (2) xtaqt inbiddel il-pipe tal-gas u (3) xtaqt li jixkatla min-naha ta' isfel fil-gemb tal-bieb tal-kamra tal-banju biex dan il-bieb jinghalaq aktar facilment u (4) xtaqt li jinzebah il-bank tal-kcina minn wara biss minhabba l-umdità, (5) xtaqt inbiddel il-gradilja tad-drain ta' barra u (6) xtaqt inlibbes maduma fuq it-targa li taghti ghall-bitha. Meta rega' gie jigifieri fit-22 ta' Dicembru ghidtlu b'dawn l-affarijiet u accetta li jaghmilhomli. Wara kien hu wkoll li ssugerixxa illi jixkatlali wkoll il-gemb tal-bieb tal-kcina li wkoll ma kienetx tinghalaq facilment. Jien accettajt li jaghmel dan u ghidtlu biex jaghtiha passata zebgha kulur wiehed. .... Sfortunatament izda huwa qatt ma taghni x'nifhem x'kienu l-ammonti li issa qed jitlob u ghalhekk kont wara ftit tlabtu xi affarijiet zghar ohra x'jaghmel inkluz (1) li jbaxxi l-hbula ta' l-inxir, (2) li jkahhal il-fil ta' 6 knaten, (3) biddel il-pipe tal-washing machine, (4) biddel vit ezistenti fil-bitha u (5) ghatta wire tad-dawl bil-casing fil-kamra tal-banju. ... Debono kien beda dawn ix-xoghlijiet fl-ahhar ta' Dicembru u lesta fl-ewwel gimgha ta' Frar 2011.*

Lanqas ma jirrizulta li hemm kontestazzjoni dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mill-attur izda, il-kontestazzjoni formanti l-qofol tal-proceduri odjerni tittratta dwar il-*quantum* tal-hlas pretiz mill-attur ghax-xoghol esegwit minnu fil-fond tal-konvenuta. Di fatti, kif iktar 'l fuq osservat, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta hija proprio fis-sens li t-talba attrici ghandha tigi michuda in kwantu l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv.

Ghall-fini li jigi stabbilit jekk il-pretensjoni ta' l-attur hijiex eccessiva o meno, il-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku li, wara li zamm access fil-fond tal-konvenuta u ha konjizzjoni tal-provi prodotti quddiem il-Qorti u b'mod partikolari tal-kont mahrug mill-attur, ikkonstata s-segwenti:

**Fir-rigward tal-materjal extra akkwistat mill-attur**: d*war l-ammont ta' €784.14 reklamat mill-attur ghall-materjal (Dok. "D", "E" u "F" a fol. 45, 46 u 47), l-esponent ra kull item indikat fl-imsemmija invoices u kif ukoll l-ammont relattiv*

[11] Fol. 133 sa'138 tal-process.

*reklamat mill-attur ghal kull item u wara li kull item f'dawn l-invoices gie indikat mill-attur waqt l-access, jikkonsidra li l-ammont relattiv huwa ragjonevoli tenut kont ix-xoghol kollu involut u li dan ma kienx jifforma parti mill-istima originali. Ghalhekk, l-esponent jikkonsidra illi dan l-ammont ta' seba' mija w erbgha u tmenin Euro u erbatax cetezmi (€784.14) huwa dovut lill-attur ghall-materjal uzat f'xoghlijiet extra li saru fl-appartament tal-konvenuta*[12].

**Fir-rigward ir-rata kull siegha ghall-mano d'opera extra:** *dwar ir-rata ta' €14 kull siegha, ghalkemm mad-daqqa t'ghajn din ir-rata tidher xi ftit eccessiva, meta wiehed jimmultiplika din ir-rata ghal 40 siegha u ghal 52 gimgha li ggib introjtu ta' €29,120 fis-sena, meta wiehed jikkonsidra illi l-hin proprju ta' xoghol fuq il-post ma jinkludix hin li ma jidhirx bhal ghax-xiri tal-materjal (fil-fatt missier l-attur xehed li hu kien imur jaqdi lill-attur) u ghall-garr ta' l-istess materjal u ta' l-ghodda u kif ukoll il-fatt illi dan l-introjtu jinkludi wkoll ghall-ghodda inkluz ukoll ghaz-zamma u manutenzjoni ta' l-istess ghodda, l-esponent jikkonsidra din ir-rata ta' erbatax-il Euro (€14) fis-siegha bhala gusta*[13].

**Fir-rigward tal-hin tal-mano d'opera extra:** Wara li l-Perit Tekniku ha konjizzjoni w ikkonsidra d-dokumenti esebiti mill-attur ossia Dok. "G" sa' Dok. "L"[14], li huma prospetti dettaljati tax-xoghlijiet esegwiti minnu, u Dok. "N"[15], li huwa prospett tas-sieghat li jikkontendi li hadem f'kull gurnata, tal-pretensjonijiet ta' l-attur kif rizultanti minn tali dokumenti w anke mix-xhieda moghtija waqt is-smigh tal-proceduri u tal-posizzjoni tal-konvenuta vis-a-vis ix-xoghol esegwit u sieghat impjegati mill-attur ghall-esekuzzjoni ta' tali xoghlijiet, huwa hejja tabella Dok. "AS1" annessa mar-Relazzjoni tieghu[16] fejn ikkalkula l-hin ta' xoghol li kien jirrikjedi kull item skond kif elenkati fir-raba' kolonna ta' l-imsemmija tabella, liema hin a sua volta gie kkunsidrat fid-dawl tar-rata ta' €14 fis-siegha, liema rata l-Perit Tekniku già ikkonkluda li fic-cirkostanzi kienet wahda gusta, biex b'hekk hareg il-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur. Il-Perit Tekniku però ma kkunsidrax certa xoghlijiet ghaliex skontu ma setghux jigu kkunsidrati bhala extra u dawn huma:

- *Items 10/11: l-esponent jikkonsidra biss il-gnub tal-kaxxa billi l-maduma tal-wicc xorta kellha ssir mill-attur li kieku ma saritx din il-kaxxa;*
- *Item 12: Mhux qed jigi kkunsidrat billi l-maduma bit-toqbda ghall-katusa xorta kellha ssir mill-attur li kieku ma saritx din il-kaxxa;*
- *Items 14/15/16: L-attur jghid li t-toilet ma kienx imwahhal sewwa u sabiex iwahhlu sewwa ghamel l-imsemmija xoghlijiet extra. Madanakollu, billi l-istima Dok. "B"*[17] *tinkludi "Tqeghid ta' toilet" u billi l-arti u s-sengha titlob li t-toilet jintrabat ma' l-art, l-esponent ma jikkonsidrax dawn it-tlett items bhala xoghlijiet extra fuq l-istima;*

[12] Para 24 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 161 u 162 tal-process.
[13] Para. 26 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 162 tal-process.
[14] Fol. 48 sa' 53 tal-process.
[15] Fol. 55 tal-process.
[16] Fol. 173 sa' 178 tal-process.
[17] Fol. 44 tal-process.

- *Item 18: L-attur jghid li madwar it-toilet u l-flushing ma kienx hemm stokk u ghalhekk ghamel dawn ix-xoghlijiet extra. Madanakollu, l-istess kif inghad fil-paragrafu precedenti, it-tqeghid tat-toilet u l-flushing skond l-arti u s-sengha jitlob l-istukkjar necessarju u ghalhekk dan l-item mhux qed jigi kkunsidrat bhala xoghol extra fuq l-istima;*
- *Items 20/21/22/23: Ghalkemm l-item Dok. "A"*[18] *tinkludi "Tqeghid tal-waste u pipe tad-drain mill-gdid biex jiffidja ghal mad-drain ta' barra", fl-istess stima hemm imnizzel "Extra drain charge all from outside" oltre illi ma' dawn l-items hemm ukoll id-drain tas-sink. Ghalhekk, dawn l-erba' items qed jigu kkunsidrati bhala xoghlijiet extra fuq l-istima;*
- *Item 28: L-attur jghid li s-sink ma kienx imwahhal sewwa u sabiex iwahhlu sewwa ghamel l-imsemmija xoghlijiet extra. Madanakollu, billi l-istima Dok. "B"*[19] *tinkludi "Tqeghid tas-sink" u l-arti u s-sengha titlob li s-sink jintrabat mal-hajt avolja dan ikun jinsab fuq pedestal (billi l-pedestal qieghed hemm biss biex jghatti s-serpentina tant illi sabiex isiru xoghlijiet fuq is-serpentina l-pedestal jitnehha filwaqt li s-sink jibqa' mwahhal fil-post), l-esponent ma jikkunsidrax dan l-item bhala xoghol extra fuq l-istima;*
- *Item 34: Ghalkemm l-istima Dok. "B"*[20] *tinkludi l-qlugh tas-sapuniera, jirrizulta li l-qlugh taghha ma sarx u f'dan ir-rigward l-attur ghamel tnaqqis mill-istima (€99.30). Ghalhekk, l-esponent jikkonsidra dan l-item bhala xoghol extra fuq l-istima;*
- *Items 36/37: Billi l-istima Dok. "B"*[21] *tinkludi "Tqeghid tas-sink/pedestal" u billi l-arti u s-sengha titlob li dawn jigu ssettjati u stokkjati meta jitwahhlu, l-esponent mhux qed jikkonsidra dawn l-items bhala xoghlijiet extra fuq l-istima;*
- *Items 109-122: Il-konvenuta xehdet li dwar il-bank tal-kcina riedet biss li l-attur jaghtih zewg passati biex tfittex tehles. Madanakollu, f'dan ir-rigward l-esponent jikkonsidra illi x-xoghlijiet li ghamel l-attur kienu kollha necessarji sabiex ix-xoghol isir kif titlob l-arti u s-sengha billi wiehed ma jistax jaqbad u jizbogh fuq dak li jsib;*
- *Items 144: L-iccekkjar tat-tank iddahhal gja f'item 38. Billi l-attur ma ressaqx provi ghalfejn dan l-iccekjar kellu jsir darbtejn, l-esponent mhux qed jikkonsidra dan l-item bhala xoghol extra fuq l-istima;*
- *Item 150: Minbarra li dan l-item gja ddahhal f'item 28, kif inghad aktar qabel, dan l-item mhux qed jigi kkunsidrat bhala xoghol extra fuq l-istima*[22]*.*

In segwitu ghal dan l-elenku, il-Perit Tekniku kkonstata wkoll li *l-items li jikkoncernaw l-istess bicca xoghol gew migbura taht kulur wiehed fit-tabella Dok. "AS1" sabiex ikunu facilment identifikabli. Ghalhekk, ghalkemm fuq Dok. "AS1" jidhru madwar mija u hamsin (150) item, proprjament dawn jiffurmaw madwar ghoxrin (20) bicca xoghol kif indikat bil-kulur rispettiv fl-istess Dok. "AS1". Fit-tabella Dok. "AS1" hemm indikata wkoll id-data tal-05 ta' Dicembru 2010, liema*

[18] Fol. 43 tal-process.
[19] Fol. 44 tal-process.
[20] *Ibid.*
[21] *Ibid.*
[22] Fol. 166 sa' 168 tal-process.

*data tissemma fix-xhieda bhala l-gurnata li fiha l-konvenuta hallset lill-attur ghax-xoghol li kien ghamel fil-kamra tal-banju. Dan sabiex jigi ndikat ix-xoghol li sar qabel din id-data. Kif jidher minn din it-tabella Dok. "AS1", ix-xoghlijiet extra li l-attur hu dovut hlas ghalihom jammonaw ghal mitejn u sebghin u tletin siegha u kwart (237.25 sieghat) li l-esponent qed izidhom ghal mitejn u hamsin (250) siegha tenut kont it-tip tax-xoghol involut. Dawn il-250 siegha jirrapprezentaw diskrepanza kbira mis-622 siegha reklamati mill-attur. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel dawn l-osservazzjonijiet: 1. Hemm diskrepanza enormi bejn l-ammont li talab l-attur ghax-xoghlijiet ikkontestati fuq l-art tal-kamra tal-banju fl-ammont ta' €610 (€260 + €250 + €100) meta kkomparati ma' l-ammont ta' €8,700 reklamat mill-attur ghax-xoghlijiet extra imsemmija. 2. L-ammont ta' 250 siegha huwa aktar rejalistiku minn lat tekniku tenut kont ix-xoghol involut. 3. Ghalkemm jista' jkun li forsi l-attur jahdem aktar b'mod kalm min-normal, l-esponent ma jarax raguni teknika ghalfejn il-konvenuta ghandha thallas ghal dan id-dewmien. 4. Is-602 siegha ghax-xoghol reklamati mill-attur huma ekwivalenti ghal hmistax u nofs gimghat noramli ta' xoghol (bl-40 siegha fil-gimgha) jew tlett xhur u nofs normali ta' xoghol ta' persuna wahda. L-esponent jikkonsidra dan iz-zmien bhala wisq ezagerat tenut kont ix-xoghol kollu involut. 5. Il-konvenuta xehdet li l-attur beda x-xoghlijiet fuq il-kamra tal-banju fil-bidu ta' Novembru 2010 filwaqt illi missier l-attur ukoll ikkonferma li l-attur beda fil-bidu ta' Novembru 2010. Ghalhekk jidher li fil-hin ghax-xoghlijiet extra l-attur inkluda ukoll il-hin li qatta' biex ghamel ix-xoghlijiet fil-kamra tal-banju li ghalihom huwa gja thallas mill-kovnenuta*[23].

A bazi ta' dawn il-konstatazzjonijiet il-Perit Tekniku kkonkluda li: *jirrizulta illi l-attur ghamel xoghlijiet extra fil-fond tal-konvenuta Blokk G, Unit 1, Flat 1, Bini tal-Gvern, Paola, kif elenkati fl-anness Dok. "AS1" li jammontaw ghal tlett elef u hames mitt Euro (€3,500 = €250 x €14). Sabiex saru dawn ix-xoghlijiet extra, l-attur nefaq seba' mija u erbgha u tmenin Euro u erbatax centezmi (€784.14) f'materjal. Il-konvenuta hallset lill-attur elf u mitejn Euro (€1,200) minn dan l-ammong u ghandha kredit iehor favur taghha ta' disgha u disghin Euro u tletin centezmi (€99.30) fi hlas li ghamlet lill-attur ghal xoghlijiet li ma sarux. Ghalhekk jifdal bilanc favur l-attur fl-ammont ta' elfejn disa' mija u erbgha u tmenin Euro u erbgha u temnin centezmi (€2,984.84 = €3,500 + €784.14 - €1,200 - €99.30). Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, li t-talba ta' l-attur hija wahda eccessiva tirrizulta gustifikata*[24].

Mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta ghalhekk li l-pretensjoni ta' l-attur hija effettivament eccessiva u li l-ammont li ghadu lilu dovut mill-konvenuta ghax-xoghol esegwit fuq inkarigu taghha jammonta ghal **€2,984.84** u mhux ghal €8,184.00 kif minnu pretiz.

L-attur jikkontesta dak konstatat u ikkunsidrat mill-Perit Tekniku w anke jipprova jxejjen il-konkluzzjoni raggunta minnu, hekk kif jirrizulta ben car mill-mistoqsijiet in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku kif ukoll min-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur fejn appuntu jissottometti li *minkejja l-fatt illi l-imsemmi Perit naqqas*

[23] Para. 35 sa' 38 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 169 u 170 tal-process.
[24] Para. 40 sa' 43 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 170 u 171 tal-process.

*drastikament is-sieghat li skond ir-rikorrent ha biex lesta x-xoghlijiet, huwa jirrileva illi tali xoghlijiet gew bazikament ikkonfermati kollha minnu u ghalhekk m'hemmx dubju li dawn saru. Illi l-esponent jibqa' jtenni illi huwa bniedem metikoluz hafna fix-xoghol tieghu u li kien proprju l-mod ta' kif hadem ghand l-intimata stess illi wassal sbiex hi tiddeciedi li tqabbdu aktar xoghlijiet oltre dawk miftiehma bejniethom originarjament. Illi l-esponenti jirrileva illi oltre l-fatt illi huwa ma jaqbilx mat-tnaqqis li l-Perit Tekniku ghamel fis-siegha ta' xoghol li ha ir-rikorrent, huwa ma jaqbilx ma' l-istess Perit f'dak li jirrigwardja s-segwenti items. F'dok AS1 rilaxxjat mill-Perit, jirrizulta illi f'item number 12, ir-rikorrent ghandu jithallas tal-qtugh ta' l-ghatu li huwa kien lehaq dar minn taht peress illi l-kaxxa li saret giet ordnata wara. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jithallas ta' dan l-item. Items 14, 15 u 16 ta' l-istess dokument AS1 gew skartati mill-Perit, meta fil-fatt ir-Rikorrent spjega illi dan ix-xoghol ghamlu minkejja li seta' jaqbad u jwahhal it-toilet bi ftit silicone kif kien qabel. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'illi jwessa' t-toqob tac-ceramika tat-toilet sabiex ikun jista' jtaqqab il-madum u jintrabat it-toilet. Ghalhekk kien xoghol ta' certu delikatezza peress illi ried joqghod attent hafna illi ma jxellifx jew sahansitra jkisser is-set tat-toilet. Item 18 jinkludi xoghol li ma jirrizultax fl-ewwel stima li kienet dettaljata ferm, ghalhekk dan l-item ghandu jizdied max-xoghlijiet 'extra' illi wettaq ir-rikorrent. Item 28 ukoll gie skartat mill-Perit meta dan kien jikkonsisti fl-irbit b'rods mal-hajt, kuntrarju ghal kif kien imwahhal qabel, u cioè bi ftit silicone. Ghalhekk ta' dan ix-xoghol ir-rikorrent ghandu jithallas ukoll. Item 150 li l-Perit assuma li kien parti mix-xoghol fl-item precedenti fil-fatt kienet bicca xoghol ohra ghaliex kienet tinvolvi l-viti li jitwahhlu mas-sink, filwaqt illi l-item precedenti kien jinvolvi r-rods. L-istock fl-istess item kellu jsir minhabba li s-sink gie mqiegħed b'tali mod illi dan ma jibqax jaqleb l-ilma 'l barra, kif kien qabel ma irrangah ir-rikorrent. Dan l-istock kien mal-parti ta' taht u cioè mat-tundjatura tas-sink 'l isfel. Items 36 u 37, li wkoll gew skartati mill-Perit Tekniku meta dawn fil-verità hadu hafna hin sabiex jigu ssettjati u stokkjati u ghalhekk imwahhlin ahjar minn kif kienu imwahhlin qabel. L-istock u setting tas-sanitary ma kienx imsemmi fl-istima u ghalhekk ta' dan ir-rikorrent ghandu jithallas ukoll. Kieku s-sanitary ware kien imwahhal tajjeb ir-rikorrent ma kienx ikollu ghalfejn jaghmel dan ix-xoghol, izda peress illi kellu jinqala' u jerga' jitwahhal huwa mbaghad ried jerga jpoggi s-sanitary ware kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u ghalhekk dan kien jinvolvi iktar xoghol minn dak li kien mahsub. Item 144, li l-Perit Tekniku in eskussjoni qabel li ghandu jithallas taghha, ukoll ghandu jigi meqjus minn din il-Qorti*[25].

Nonostante l-kontestazzjoni ta' l-attur, il-Qorti ma ssib ebda raguni valida u wisq inqas legali li ghandha twassalha biex tiskarta l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku u minflok tghaddi biex tilqa' bhala gustifikata l-pretensjoni ta' l-attur. Fir-rigward issir referenza ghall-principju guridiku ormai assodat fis-sistema nostrali li *l-konkluzzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jigux kontestati jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux.*

[25] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur, fol. 234 sa' 236 tal-process.

*Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnfisha, madanakollu l-giudizio dell' arte ma jistax u ma għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma rragonevoli*[26].

Il-Qorti ma ssib ebda raġuni in bazi għal liema tiskarta l-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku stante li dawn huma mhux biss ibbażati fuq eżami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet kontendenti talli huma ibbażati fuq il-prinċipju fondamentali li jirregola l-istitut ta' l-appalt, ossia li *l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell' arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinarjia … Dan fis-sens li hu "għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu"* [27]. Fid-dawl ta' tali prinċipju jirriżulta għalhekk li l-attur ma jistax jippretendi li jitħallas talli eżegwixxa x-xogħol lilu kommissjonat mill-konvenuta **u** li jitħallas ulterjorment bħala xogħol extra talli huwa eżegwixxa dan ix-xogħol *secondo i dettami dell' arte sua.*

In kwantu rigwarda Item 144 identifikat mill-Perit Tekniku bħala wieħed minn dawk ix-xogħlijiet mhux ikkunsidrati bħala extra, fejn l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jissottometti li *Item 144, li l-Perit Tekniku in eskussjoni qabel li għandu jitħallas tagħha, ukoll għandu jiġi meqjus minn din il-Qorti,* dana in verità ma huwiex minnu. Li qal il-Perit Tekniku in risposta għall-mistoqsija in eskussjoni *b'referenza għall-item 144 f'pagna 16, l-esponent spjega illi item 38 sar ma' l-ewwel perjodu tax-xogħlijiet extra, u wara li kien għadda xi żmien l-intimata kienet messet l-istop cocks u għalhekk kellu jerġa' jispezzjonah l-attur għaliex beda jfur. Ma taħsibx li allura dan ix-xogħol li jikkwalifika bħala xogħol extra peress li dan sar żmien wara l-ewwel set ta' xogħlijiet?*[28] kien *jekk mill-provi jirriżulta dak imsemmi f'din id-domanda, allura naqbel li dan ix-xogħol jikkwalifika bħala xogħol extra*[29].

Minn qari akkurat kemm ta' l-affidavit ta' l-attur[30] kif ukoll tax-xhieda in kontro-eżami mogħtija mill-attur waqt is-seduti ta' l-14 ta' Ġunju 2012[31] u tal-11 ta' Ottubru 2012[32] u anke x-xhieda mogħtija mill-attur fil-proċeduri fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 3134/11 fl-ismijiet "Roderick Debono v. Maria Dolores sive Doris Ghio" Rik. Nru. 387/11[33], u minn qari akkurat tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda l-oħra prodotti, ma jirriuzltax li ngħad mill-attur jew xi ħadd mix-xhieda prodotti minnu, u b'hekk wisq inqas ippruvat, li *l-intimata kienet messet l-istop cocks u għalhekk kellu jerġa' jispezzjonah l-attur għaliex beda jfur.* Il-Qorti għalhekk ma tistax

[26] IND Highfield Limited v. Keith Camilleri et noe, Ċitaz. Nru. 1108/97 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Frar 2006.
[27] Pierre Darmanin v. Moira Agius et, Appell Ċivili Nru. 323/02 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2004.
[28] Mistoqsija Nru. 4 a fol. 197 tal-proċess.
[29] Risposta Nru. 4 a fol. 203 tal-proċess.
[30] Fol. 40 sa' 44 tal-proċess.
[31] Fol. 88 sa' 113 tal-proċess.
[32] Fol. 125 sa' 132 tal-proċess.
[33] Seduta tad-9 ta' Jannar 2013, fol. 52 sa' 56 tal-proċess bir-Rikors Nru. 387/11 anness mal-proċeduri odjerni.

takkordalu dan l-item li gie skartat mill-Perit Tekniku proprio ghaliex *l-attur ma ressaqx provi ghalfejn dan l-iccekjar kellu jsir darbtejn*[34].

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonferma li l-ammont li ghadu dovut lill-attur ghax-xoghol esegwit minnu ghall-konvenuta fil-fond Blokk G, Flat 1, Unit 1, Government Buildings, Paola, huwa ta' €2,984.84.

Minkejja l-konstatazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku però l-attur jikkontendi li fi kwalunkwe kaz il-konvenuta accettat il-kontijiet kif mahruga minnu, tant illi ffirmathom u nizzlet in-numru tal-Karta ta' l-Identità taghha, u bdiet teffettwa hlasijiet ta' €300 fix-xahar u ghalhekk illum ma tistax tmur lura minn dak il-ftehim milhuq mieghu u trid thallas il-bilanc pretiz minnu. In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu jikkontendi li *ladarba l-intimata accettat il-kont mahrug mir-rikorrent ghax-xoghlijiet kondotti minnu, ix-xoghol li sar mir-rikorrent sar skond is-sengha u l-arti u li r-rikorrent, kuntrarju ghall-intimata dejjem mexa in buona fede, l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrent is-somma kollha mitluba minnu*[35].

Il-konvenuta da parte taghha teccepixxi li dan l-allegat ftehim bejnha u l-attur dwar il-hlas tas-somma ta' €9,384.84 ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet fil-fond taghha ma jorbotx u huwa null in kwantu l-kunsens taghha gie moghti b'konsegwenza ta' eghmil doluz/qarrieqi da parte ta' l-istess attur. Fin-Nota Responsiva taghha tissottometti li *fid-dawl tan-natura ta' din ir-relazzjoni guridika li kienet tezisti bejn il-partijiet* (ossia ftehim ta' appalt) *u fid-dawl tal-fatti kif spjegati fil-bidu ta' din in-nota, referenza ghanda ssir ghall-provvedimenti kontenuti f'Artikolu 974 u 981 tal-Kap.16 fejn il-Ligi tistabilixxi li l-kunsens moghti b'eghmil doluz ma jkunx jiswa u l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta. ... Illi ma hemmx dubju, li kif spjegat l-intimata, li kieku r-rikorrent kien onest u car mill-bidu hija l-anqas biss kienet tidhol ghax-xoghol addizzjonali li sar qabel Dicembru 2010, ahseb u ara kemm kienet tordna xoghol addizzjonali iehor wara Dicembru 2010 u/jew kemm kienet ser taccetta tiffirma kont ta' Eur 9,000 ghal xoghol illi fil-fatt jiswa ferm inqas minn hekk!.... Illi hareg bic-car illi dan il-kaz mhux wiehed semplici fejn l-intimat forsi jahseb li huwa tajjeb hafna f'xogholu, professjonali u b'hafna esperjenza u ghalhekk jista' jzomm b'rati gholjin hafna - Le, dan huwa kaz fejn l-intimat ghogbu jabbuza minn mara anzjana fragli billi ma qalliex il-prezz tax-xoghlijiet addizjonali, kien ferm eccessiv fil-prezz, dam ix-xhur biex hareg il-kont, il-kont ma kienx car, u sahansitra pprova jgieghlha thallas l-ammont hekk ezagerat u gieghlha tiffirma kont minghajr ma kienet taf car il-valur tieghu x'kien. Ir-rikorrnet kien jaf ezatt x'inhu jaghmel u infratti tratta lill-intimata b'mod differenti meta induna li seta' jiehu iktar milli kien haqqu. Jekk wiehed jinnota sew, fir-rigward ta' l-ewwel kont li hareg u hallset l-intimata f'Dicembru 2010, ir-rikorrent ma kienx talabha tiffirma il-kont. Kien biss fir-rigward tat-tieni kont illi r-rikorrent iddecieda jitlob ghall-firma!... Wiehed ukoll ma jistax jinsa l-fatt illi l-intimat sahansitra talab li jsir kuntratt quddiem nutar biex ikun jista' jdur fuq id-dar taghha - Dan b'turija illi*

[34] Fol. 168 tal-process.
[35] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur, fol. 236 tal-process.

*huwa ma kienx ser ikun kuntent sakemm ma jircevix kull sold mitlub minnu, ghax skond hu hi kienet iffirmat il-kont - u mhux ghaliex verament hekk kien dovut. Li l-intimat* [recte: ir-rikorrent] *ezagera huwa fatt rikonoxxut mill-Perit Tekniku. Li l-intimat* [recte: ir-rikorrent] *agixxa b'mala fede johrog car mill-fatti u dan specjalment meta mistoqsi hekk ihossx li ma setax jrahsilha l-kont huwa wiegeb "Le ma stajtx. Anzi ghamilt xoghol zejjed jien, li lanqas biss iccargjatha tieghu" u cioè, li kieku taghtih l-ghala kien jiehdilha iktar minn diga ha!. Illi fid-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor. Dr. G. Caruana Demajo datata 12 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet Edward Enriquez et v. Dr. Anthony Farrugia senior et nomine, il-Qorti sostniet illi "Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu l-vantagg mill-'malafides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu immunità mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Illi ghaldaqstant l-esponent jikkontendi illi llum hareg bic-car l-ingann premeditat tar-rikorrent u dan certament m'ghandux jithalla jgawdi minn dan l-ingann. Anzi, bl-aktar atteggjament spavald, ir-rikorrent fetah dawn il-proceduri sabiex dina l-Onorabbli Qorti ttih ragun ghas-serq u l-ingann tost tieghu.*[36]

Fir-rigward tan-nullità ta' kuntratti b'mod generali w anke f'kuntest ta' kunsens karpit bil-qerq, huma principji guridici assodati li: *(1) il mantenimento dei contratti è di interesse generale purchè principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perchè non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore; (2) i principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso; (3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purchè siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalità o il contratto impugnato è stato l'effetto di raggiri usati dall' altra parte o da terzi*[37]. A bazi ta' dawn il-principji, fis-sentenza fl-ismijiet **Transcontinental Properties Limited v. European School of English Limited, Citaz. Nru. 604/02**, deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in materia: *(a) a costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull' altra per indurla al contratto, ma occorre un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dall' inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente (Giovanni Farrugia Gay v. Emanuele Farrugia Gay, Prim' Awla tal-Qorti Civili 3 ta' Mejju, 1921 (Vol. XXIV pII p578); (b) i raggiri usati da uno dei contrasenti sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contrattato" (Teresa Galea v. Salvatore Bonnici a Vol. X pagna 592). Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghall-ftehim li ghaqqad in-negozju (Alice Cassar Torregiani v. Albert R. Manche, Appell Civili, 17 ta' Marzu, 1958 Vok. XLII pI p126); (c) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat 'scienter' raggiri frawdolenti w artifizi li kienu gravi (Joseph Mifsud nomine v. Paul Tanti u Josephine mart Francis Galea*

---

[36] Para. 19, 22, 24, 25, 27 u 28 tan-Nota Responsiva tal-konvenuta, fol. 243 u 244 tal-process.
[37] Innocenzo Galea v. M. Zammit, Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919, Vol. XXIV pI p203.

*v. Perit Walter Caruana Montaldo, iz-zewg kawza decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970).*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Piscopo v. Charles Filletti et, Citaz. Nru. 2756/96**, deciza fis-16 ta' Gunju 2003, ukoll pronuncjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti osservat ulterjorment li *issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti w artifizji li kienu gravi - Josephine Galea et v. AIC Walter Caruana Montaldo, Prim' Awla Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi 'id-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja posta fih". Dan jattalja mal-hsieb traccjat fis-sentenza "Giovanni Farrugia Gay v. Emmanuele Farrugia Gay" Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921, fejn jinghad li "occorre un elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente". Naturalment kif jghid il-Baudry "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse più o meno intelligente, se date le circostanze fosse più o meno facile ingannarla". Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraenti wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mill-Ligi.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **G. Germani Mifsud et noe v. Chierico F. Bonnici**, pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fl-4 ta' Gunju 1910, dik il-Qorti osservat illi *è mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa "Leges vigilantibus prosunt" imperocchè se cosi non fosse, la stessa mala fede trarrebbe profitto dalla facilità di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall' obbligo di rispettare i patti che sarebbero i più legittimi. ... Se non è stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall' onore per qui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non può ascoltare la voce di colui che non può la slealtà altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita.*

Meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici hawn appena esposti jirrizulta li l-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenuta ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet gewwa l-fond taghha ma huwiex null in kwantu ma jirrizulta l-ebda qerq jew raggir da parte ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta biex effettivament gew esegwiti l-istess xoghlijiet. Il-konvenuta kellha kull dritt u opportunità li ma thallix lill-attur jibda x-xoghlijiet sakemm ma jkollhiex stima ghax-xoghlijiet ulterjuri li hija riditu jesegwilha, hekk kif fil-fatt kienet ghamlet fil-kaz tax-xoghlijiet fil-kamra tal-banju, izda hija ghazlet, di sua spontanea volontà, li tafda lill-attur u tipprocedi bix-xoghlijiet anke jekk ma kellhiex stima u per di più baqghet izzid ix-xoghol mat-trapass taz-zmien. Ladarba l-konvenuta ghazlet - u mhux kienet kostretta jew tratta in ingann - li tkompli tinkariga lill-attur jesegwixxi ix-xoghlijiet in kwistjoni, illum ma tistax tippretendi li dak l-inkarigu u ftehim rizultanti huma nulli.

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Detto ciò però ma jfissirx li l-pretensjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta hija gustifikata u lanqas ma jfisser li bil-firma taghha fuq il-kont il-konvenuta hija, fid-dawl tal-fatti kif emergenti mill-provi u b'mod partikolari mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, b'mod obbligata thallas lill-attur l-ammont kollu minnu pretiz. Ghalkemm l-attur ma qarraqx bil-konvenuta ghall-fini ta' l-inkarigu ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, il-Qorti ma tqisx li huwa esegwixxa tali ftehim bejniethom in bona fidi hekk kif rikjest fl-Artikolu 993 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li appuntu jipprovdi li: *il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bond fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi*.

Dan ifisser ghalhekk li l-attur kellu l-obbligu li mhux biss jesegwixxi xoghlijiet skond is-sengha u l-arti izda kellu wkoll l-obbligu li ghal dawn ix-xoghlijiet jithallas bil-prezz gust korrenti **ghal xoghlijiet esegwiti skond is-sengha u l-arti.** B'dan il-Qorti trid tfisser li l-attur ma jistax jippretendi li jithallas talli esegwixxa x-xoghol lilu kommissjonat mill-konvenuta **u** li jithallas ulterjorment bhala xoghol extra talli huwa esegwixxa dan ix-xoghol skond is-sengha u l-arti meta sa' mill-bidu nett ta' l-inkarigu moghti lilu huwa kellu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol kummissjonat lilu skond is-sengha u l-arti. Ladarba l-attur ma esegwiex il-ftehim mal-konvenuta in buona fede fl-intier tieghu, il-Qorti tqis li l-konvenuta ma hijiex marbuta bil-kont mahrug mill-attur ghax-xoghlijiet esegwiti fil-fond taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li t-talba attrici tista' tigi milqugha biss limitatament ghall-ammont ta' €2,984.84, li huwa l-bilanc dovut lill-attur a bazi ta' kalkolu iktar veritier u gust vis-a-vis ix-xoghlijiet minnu esegwiti ghall-konvenuta.

Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, partikolarment fid-dawl tal-fatt li kien in-nuqqas ta' buona fede da parte ta' l-attur fl-istesura tal-kont ipprezentat lill-konvenuta li wassal ghall-proceduri odjerni, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati esklussivament mill-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u b'hekk tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €2,984.84 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €2,984.84, bl-imghax dekoribbli mill-24 ta' Gunju 2013, id-data meta l-Perit Tekniku halef ir-Relazzjoni tieghu, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**